*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 2265/2016-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat l-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Nru 13 359 609 lill-EUIPO sabiex tkun tista' tipproċedi għar-reġistrazzjoni; u

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-partijiet intervenjenti f'dan l-appell għall-ispejjeż tagħhom stess u għal dawk tar-rikorrenti f'din il-kawża, kif ukoll dawk fl-appell quddiem l-Ewwel Bord tal-Appell fil-Każ R 2265/2016-1 u dawk fl-oppożizzjoni B 2 524 422 quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 peress li bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq raġunijiet u provi li fir-rigward tagħhom ir-rikorrenti ma kellu l-ebda opportunità li jressaq il-kummenti tiegħu;

— Ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li tqis fatti, provi u argumenti li ma ġew imressqa minn ebda parti u provi li ma ġewx prodotti fil-każ;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 bħala riżultat tal-ksur fuq imsemmija u peress li ġiet applikata gwida żbaljata tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar kif tevalwa l-probabbiltà ta' konfużjoni.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2017 – Mamas and Papas vs EUIPO (Cot Bumpers)**

**(Kawża T-672/17)**

(2017/C 402/66)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mamas and Papas Ltd (Huddersfield, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Reid, Barrister u B. Whitehead, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Jane Wall-Budden (Byfleet, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Disinn kontenzjuż ikkonċernat:* id-disinn tal-Unjoni ta' cot bumpers – disinn tal-Unjoni Nru 1230460-0001

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Lulju 2017 fil-Każ R 208/2016-3

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddikjara d-disinn tal-Unjoni Nru 1230460-0001invalidu

— tikkundanna lid-detentur tad-disinn sabiex ibati l-ispejjeż tar-rikorrenti fil-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità u tal-appell.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002;

— Ksur tal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Nru 6/2002;

— Il-Bord tal-Appell naqas milli jagħti inqas importanza lil karatteristiċi li ma humiex viżibbli fl-użu;

— Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 6/2002.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2017 – UN vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-676/17)**

(2017/C 402/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* UN (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla l-evalwazzjoni tar-rikorrenti għall-2015 skont ir-rapport ta' evalwazzjoni Nru 260603 fil-verżjoni definittiva tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015 (fil-verżjoni ta' dik id-deċiżjoni ta' evalwazzjoni miżmuma l-aħħar wara ċ-ċaħda tal-ilment tar-rikorrenti tal-21 ta' Ġunju 2017),

— tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti ammont xieraq, li għandu jiġi stabbilit mill-Qorti Ġenerali, bħala kumpens għal dannu morali sostnut minnha, kif ukoll

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż rispettivi tagħha u għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li huma bbażati parzjalment fuq fatti inkorretti, fuq ksur tad-dmir ta' premura u fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba (Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).

2. It-tieni motiv: ksur mill-Kummissjoni tad-dmir ta' premura u ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba (Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).

---